**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 264/2019 RM**

**PERIT MELANIE SPITERI**

**-vs-**

**MARIO ZARB**

**Illum, 13 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attrici Perit Melanie Spiteri, ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Novembru 2019 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li din l-Onorabbli Qorti thoss necessarju jew opportun li taghmel, hu jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax -il elf mija u sitt euro u hamsa u sebghin centezmu (€13,106.75), flimkien mal-imghax sad-data tal-hlas effettiv, flimkien mal-ispejjez relattivi.

Din is-somma, dovuta lill-attrici minnu, tirraprezenta drittijiet professjonali dovuti minnu lilha, mahduma skond it-tariffi ufficjali, ghax-xogholijiet li saru fuq is-sit bl-indirizz, numru 98, Triq Hal Saflieni, Paola PLA 1108.

Bl-imghax fuq dan l-ammont, u bl-ispejjez kontrih li minn issa jinsab ingunt in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenut Mario Zarb tas-6 ta' Marzu 2020 fejn eccepixxa:-

*Preliminari:*

1. *Illi din il-kawża trid tistenna l-eżitu tal-kawża li qiegħdha tinstema mill-Onorevoli Prim'Awla kif presjeduta mill-Imħallef Grazio Mercieca u ġġib in-numru 974/2019GM fl-ismijiet 'Mark Spiteri et vs. Mario Zarb' fejn l-esponenti ppreżenta wkoll Kontro-Talba.*

   *Fil-Mertu:*

2. *Illi t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-servizzi professjonali allegatament reżi mill-attriċi ma sarux skont is-sengħa u l-arti.*

3. *Illi b'riżultat tan-negliġenza tal-attriċi waqt li kienu għaddejjin ix-xogħolijiet li kellhom ikunu superviżjonati minnha stess, l-konvenut sofra diversi danni u wkoll ġie mitlub iħallas għal diversi materjal u xogħolijiet li ma kienx hemm bżonn u lok li jinxtraw, jitwaħħlu u jsiru fuq il-post.*

4. *Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ammont mitlub mhuwiex korrett u esaġerat u dana peress li d-dritt tal-perit inħadem fuq l-ispiża u l-VAT u mhux fuq l-ispiża biss, u għaldaqstant qed jintalab ħlas ta' VAT fuq VAT mill-konvenut.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lill-eċċepjenti kontra l-attriċi, inkluż kull azzjoni għad-danni.*

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-10 ta' Marzu 2020 dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvneut fir-Risposta tieghu, fejn sostna li l-kawza odjerna ghandha tistenna l-ezitu tal-kawza li tinsab pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, Rikors Numru 974/2019 fl-ismijiet **Mark Spiteri et vs Mario Zarb**;

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-10 ta' Marzu 2020, il-partijiet qablu illi l-Qorti ghandha tghaddi sabiex tiddeciedi dwar it-talba maghmula mill-konvenut ghall-waqfien tal-proceduri kif imfisser fl-ewwel eccezzjoni tieghu;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum sabiex tinghata decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut qieghed effettivament jitlob il-waqfien tal-proceduri mibdija mill-attrici odjerna u illi l-Qorti tieqaf milli tkompli tisma' din il-kawza sakemm ikun hemm decizjoni fuq il-mertu tal-kawza intavolata kontra l-istess konvenut quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mark Spiteri et vs Mario Zarb**;

Il-Qorti rat l-atti tar-Rikors Gurament 974/2019 u tosserva illi minn dawn l-atti jirrizulta illi sar ftehim ta' appalt bejn il-konvenut odjern u l-atturi fil-kawza l-ohra, il-kuntratturi Spiteri u Pace. Permezz ta' dan il-ftehim, l-atturi nghataw appalt ta' xoghol ta' bini u kostruzzjoni f'sit gewwa triq Hal Salfieni, Paola, liema appalt kellu jigi ezegwit taht is-sorveljanza tal-attrici odjerna l-Perit Melanie Spiteri. L-atturi f'dik il-kawza qeghdin jitolbu l-hlas tal-bilanc lilhom dovut fuq l-appalt, filwaqt illi fil-kawza li ghandha quddiemha din il-Qorti l-attrici, il-Perit inkarigata mill-konvenut, qieghda titlob il-hlas tad-drittijiet

professjonali lilha dovuti, mahduma skont it-tariffi ufficjali, fuq il-kont tax-xogholijiet ezegwiti mill-kuntratturi.

Il-konvenut, fil-kawza li giet istitwita fil-konfront tieghu mill-kuntratturi, eccepixxa *inter alia* illi x-xogholijiet mill-kuntratturi ma sarux kif miftiehem u ghadhom ma gewx kompluti, oltre li l-ammont mitlub mill-kuntratturi jinkludi xoghol li ghadu ma sarx kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud li kellu jkun diga` inkluz fil-prezzijiet maqbula.

L-istess konvenut, fil-proceduri tar-Rikors Numru 974/2019, ressaq ukoll kontro-talba fejn filwaqt illi rrikonoxxa li kien hemm dizgwid bejnu u bejn l-attrici l-Perit Melanie Spiteri b'rabta mal-ezekuzzjoni tal-appalt, talab il-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu sofferti minhabba xogholijiet li gew imwettqin hazin mill-kuntratturi rikonvenuti u mhux skont is-sengha u l-arti.

Ikkunsidrat;

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Dicembru 2015[1], intqal hekk in propositu ta' talba ghal soprasessjoni:-

"*... huwa accettat li s-soprasessjoni tista' b'mod eċċezzjonali tingħata meta tali smigh fl-istess waqt ta' żewġ kawżi ma jkunx jista' jsir, iżda, billi hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali li kull kawża għandha tinstama' sakemm tiġi maqtugħa, trid tingħata dejjem taħt kundizzjonijiet li għandhom ikunu serji biżżejjed biex dan isir. Kemm hu hekk, ingħad saħansitra f'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, li l-eċċezzjoni tas-soprasessjoni fis-sens li l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema proċedurali tagħna, mhijiex kontemplata għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jikkontempla hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala lis alibi pendens u din l-eċċezzjoni tipprospetta neċessarjament li jkun hemm żewġ kawżi għaddejjin fl-istess waqt pendenti quddiem il-qrati li jkollhom l-istess mertu.*"

[1] **Doris Catania et vs Evelyn Farrugia et**.

Illi huwa minhabba f'hekk li fl-ordinament guridiku taghna, is-soprasessjoni titqies bhala provvediment li taghti l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jekk tintwera raguni tajba biex tilqa' t-talba ghal soprasessjoni, liema provvediment huwa ta' natura interlokutorja.

In propositu, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Peter Arrigo Ltd vs Avv. Dr Christopher Cilia nomine et**[2], qalet hekk:-

"*Ghal bosta snin, il-Qrati taghna sabu li t-twaqqif ta` smigh ta` kawza biex tistenna l-ezitu ta` kawza ohra li diga` tressqet jew sakemm titressaq wahda fuq punt eccezzjonali* <u>*huwa rakkomandat biss fil-kaz meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta` xi punt li minnu ta` bilfors tiddependi l-kawza li sejra titwaqqaf*</u> *P.A. 12.4.1962 fil-kawza fl-ismijiet* ***Azzopardi et vs Critien pro et*** *(Kollez. Vol: XLVI.ii.591) u App. Civ. 6.10.1999 fil-kawza fl-ismijiet* ***Grima et vs Frendo et*** *(Kollez. Vol: LXXXIII.ii.393)".*[3]

Ikkunsidrat;

Il-konvenut jargumenta illi jekk bhala rizultat tad-decizjoni fil-kawza l-ohra, jonqos il-kont tal-kuntratturi, ghandu jonqos ukoll il-kont tal-attrici f'din il-kawza li fuqu tinsab imsejsa t-talba taghha f'din il-kawza odjerna. Waqt it-trattazzjoni, l-abbli difensur tal-konvenut sottomettiet illi l-waqfien tal-proceduri odjerni huwa mehtieg ghaliex il-konvenut qieghed jikkontesta l-prezzijiet mitluba mill-kuntratturi atturi fil-kawza l-ohra u jekk allura l-hlas dovut lill-kuntratturi jigi ridott bhala konsegwenza tad-decizjoni eventwali moghtija f'dik il-kawza, il-korollarju necessarju jkun illi d-drittijiet professjonali pretizi mill-attrici f'din il-kawza jridu jonqsu wkoll. Gie sottomess ukoll illi d-drittijiet professjonali pretizi f'din il-kawza gew mahduma fuq ammonti li diga` kienu jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud.

[2] Deciza 11 ta' Dicembru 2003.
[3] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

D'altronde, l-abbli difensur tal-attrici waqt it-trattazzjoni orali dwar l-eccezzjoni in dizamina, sottometta illi l-waqfien tal-proceduri odjerni huwa oppost min-naha attrici primarjament minhabba illi l-allegazzjoni li x-xogholijiet setghu twettqu hazin da parti ta' terzi, hija irrelevanti ghat-talba tal-attrici odjerna ghall-hlas tad-drittijiet professjonali taghha li gew mahduma abbazi tat-tariffi ufficjali skont it-Tariffa K, Skeda A, tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u barra minn hekk mhux minnu li l-konvenut qieghed jikkontendi, fil-kawza l-ohra, illi l-ammont mitlub huwa esagerat ghaliex il-prezzijiet applikati mill-kuntratturi huma eccessivi.

Il-Qorti tqis illi ghall-kaz odjern huwa relevanti dak li kellha xi tghid l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Integrated Capabilities (Malta) Limited et vs Crowd Shout Holdings Limited et**[4]: **-**

"*Fl-isfond ta` dawn id-disposizzjonijiet appena citati, fil-provvediment li tat fit-3 ta` April 2014 fil-kawza "**Sylvana Tanti vs Noel Tanti et**" din il-Qorti qalet hekk :-*

*"Illi l-Qrati taghna ammettew is-soprasessjoni ta` kawza jew ta` procediment meta soprasessjoni tkun spedjenti. (Kollez Vol XXXIX.I.467 ; Appell Civili – "**Cassar vs Xuereb**" – 12 ta` Marzu 1973). L-ispedjenza ma tistax tkun mera possibilita` ... Illi fis-sentenza taghha tal-5 ta` Ottubru 1981 fil-kawza **"Degaetano vs Galea et noe"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk : "Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista` jiddependi mill-ezitu ta` kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta` din id-dipendenza"... Illi din il-Qorti tabbraccja l-principju li s-soprasessjoni huwa rimedju straordinarju li ghandu jigi applikat biss fejn ikun necessarju fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (Kollez Vol XLI.I.507 ; u Qorti Kostituzzjonali – "**Cuschieri vs Onor Prim` Ministru"** – 12 ta` Awissu 1994). Illi provvediment dwar soprasessjoni huwa mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti."*[5] [enfasi ta' din il-Qorti]

Il-Qorti rat l-atti u tosserva li huwa minnu illi z-zewg kawzi jittrattaw l-istess sit ta' kostruzzjoni, izda huwa wkoll evidenti illi bejn iz-zewg proceduri separati ma

[4] Deciza 31 ta' Ottubru 2016.
[5] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

hemm ebda rabta jew dipendenza bejn il-kawzali tat-talbiet rispettivi ghall-hlas, oltre li dawn iz-zewg proceduri ghad li saru fil-konfront tal-istess konvenut, gew istitwiti minn kredituri ossia atturi differenti. Filwaqt li fil-kawza Rikors 974/2019 it-talba hija ghall-hlas ta' valur ta' xoghol ta' konstruzzjoni ezegwit, it-talba li ghandha quddiemha din il-Qorti hija ghall-hlas ta' drittijiet professjonali mahduma fuq tariffi ufficjali.

Barra minn hekk, it-talbiet tal-atturi rispettivi gew kuntrastati mill-konvenut permezz ta' eccezzjonijiet li ftit li xejn ghandhom x'jaqsmu ma' xulxin fis-sostanza. Fil-waqt illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Zarb fil-kawza l-ohra (Rikors Numru 974/2019) jinsabu msejsin fuq nuqqas ta' inadempjenza kuntrattwali kif ukoll fuq nuqqas ta' twettiq skont is-sengha u l-arti tax-xoghol ezegwit mill-kuntrattur u d-danni konsegwenzjali sofferti fir-rigward, l-eccezzjonijiet tal-konvenut fil-kawza odjerna jinsabu cirkoskritti b'allegazzjoni li l-prestazzjoni tas-servizzi professjonali ma saritx skont is-sengha u l-arti, u b'allegazzjoni ta' negligenza da parti tal-attrici. Skont il-konvenut, l-attrici naqset milli taghmel supervizjoni tax-xogholijiet bil-konsegwenza illi saru diversi xogholijiet li ma kienux mehtiega b'rizultat li huwa kellu jhallas ukoll ghal materjal li ma kienx mehtieg. Madanakollu, jigi osservat illi l-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni analoga fil-kawza l-ohra, u ma jirrizultax li huwa jikkontesta l-ammont mitlub mill-kuntratturi minhabba li twettqu xi xogholijiet mhux mehtiega. Ghall-kuntrarju, jigi osservat illi l-konvenut fl-imsemmija kawza Rikors 974/2019 eccepixxa illi l-kuntratturi qeghdin jitolbu ammonti ghal xogholijiet li ma sarux, u mhux xogholijiet li saru bla bzonn.

Fil-fehma tal-Qorti, ma jirrizultax sodisfacjentement kif il-mertu tal-kontestazzjoni tal-konvenut kif ukoll tat-talba rikonvenzjonali tieghu fil-kawza l-ohra, li evidentement huma limitati biex jindirizzaw in-nuqqas ta' twettiq tax-xogholijet mill-kuntrattur skont is-sengha u l-arti u nuqqas ta' adempiment tal-appalt, jistghu jincidu fuq il-hlas tad-drittijiet professjonali dovuti lill-Perit attrici

f'din il-kawza. *Multo magis* meta f'din il-kawza odjerna l-konvenut jilqa' ghat-talba ghall-hlas tal-istess drittijiet professjonali b'eccezzjonijiet *ad hoc* li jolqtu esklussivament il-prestazzjonijiet tal-attrici u mhux il-kwalita` tax-xoghol ezegwit mill-kuntrattur jew l-inadempiment tal-appalt. Barra minn hekk, u kuntrarjament ghal dak li gie sottomess mill-abbli difensur tal-konvenut waqt it-trattazzjoni, ma jirrizultax illi l-konvenut ressaq xi eccezzjoni *ad hoc* fil-kawza l-ohra li l-prezzijiet mitluba mill-kuntratturi huma eccessivi.

Ghandu jigi osservat illi l-attrici odjerna mhijiex parti fil-proceduri Rikors 974/2019 u kif rajna, il-prestazzjonijiet taghha bl-ebda mod ma jinsabu fil-mira tal-kontestazzjoni reciproka bejn il-partijiet f'dawk il-proceduri l-ohrajn, filwaqt illi l-kawzali tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut ghall-hlas tad-danni jidher li hija marbuta esklussivament mat-twettiq mhux skont l-arti u s-sengha tax-xogholijiet ezegwiti mill-kuntratturi, minghajr ebda accenn ghall-prestazzjonijiet tal-attrici. Kemm hu hekk, l-attrici odjerna lanqas issejhet mill-konvenut biex twiegeb hija stess ghat-talbiet tal-kuntratturi.

L-attrici tiddikjara fir-Rikors promotur illi d-drittijiet professjonali minnha mitluba f'din il-kawza gew mahduma abbazi tat-tariffi ufficjali. Il-Qorti hija tal-fehma li ma ntweriex sodisfacjentement illi l-kont tal-Perit attrici huwa marbut mal-kont tal-kuntrattur b'tali mod illi l-ammont mitlub minnha ghall-prestazzjonijiet professjonali jista' ma jkunx dovut in parti jew *in toto* bhala rizultat tad-decizjoni fil-kawza l-ohra. F'kull kaz, il-Qorti ma tarax kif id-decizjoni fil-kawza l-ohra illi x-xogholijiet ezegwiti mill-kuntrattur setghu saru hazin u mhux skont is-sengha u l-arti, tista' tincidi negattivament fuq it-talba tal-attrici ghall-hlas tad-drittijiet professjonali taghha mahduma abbazi tat-tariffi ufficjali. Tqis ulterjorment illi biex tista' tigi ravvizata xi konnessjoni essenzjali bejn iz-zewg kawzi li tiggustifika t-talba tal-konvenut ghall-waqfien ta' dawn il-proceduri odjerni, l-istess konvenut kellu, *de minimis,* jikkontesta t-talba odjerna ghall-hlas minhabba allegazzjoni li hemm xogholijiet li effettivament ma sarux

mill-kuntrattur u ghaldaqstant ma sarux lanqas il-prestazzjonijiet professjonali mill-attrici fir-rigward.

Huwa evidenti illi t-talbiet fiz-zewg kawzi filwaqt li huma differenti u msejsin fuq kawzali differenti, ma gewx milqughin mill-konvenut b'difiza omogena u konsegwentement, id-decizjoni fil-kawza l-ohra ma tistax, fil-fehma tal-Qorti, tolqot id-decizjoni fl-kawza odjerna.

Kwantu ghall-kontestazzjoni tal-prezz mitlub minhabba l-inkluzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq il-prezzijiet diga` kwotati minghajr din it-taxxa terga' tigi imposta u mitluba fuq l-istess prezzijiet, huwa minnu li din id-difiza hija komuni ghad-difiza tal-konvenut fiz-zewg kawzi izda proprju ghal din ir-raguni, it-talbiet individwali tal-atturi rispettivi fiz-zewg kawzi jistghu jigu hekk indirizzati minghajr il-htiega li kawza wajda jkollha tistenna l-ezitu tal-ohra biex tigi deciza.

B'applikazzjoni ghall-fattispecje ta' dan il-kaz, tal-insenjament in materja fuq citat, huwa evidenti illi ma jezistix l-element ta' dipendenza jew talanqas il-potenzjalita` ta' dipendenza bejn iz-zewg kawzi billi l-ezitu ta' din il-kawza cioe` jekk il-konvenut ghandux jigi kkundannat ihallas id-drittijiet professjonali tal-attrici, jew le, ma jiddependix necessarjament mid-determinazzjoni dwar jekk ix-xoghol ezegwit mill-kuntratturi sarx skont is-sengha u l-arti jew jekk il-konvenut soffriex danni minhabba dan ix-xoghol allegatament hazin, jew le.

Mizmum ferm dak premess, galadarba l-provvediment tas-soprasessjoni jitqies bhala pass mhux ordinarju ghaliex jissospendi s-smigh ta' kawza meta n-norma hija, kif inghad, li kawża li tinbeda ghandha tinstema' sa ma tinqata', il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz iz-zewg kawzi m'humiex interdipendenti kif fuq imfisser u ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega sabiex tigi akkolta talba ghas-soprasessjoni.

Ghaldaqstant, applikat l-insenjament fuq rapportat ghall-fatti ta' dan il-kaz, u mizmum ferm il-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tordna t-twaqqif ta' din il-kawza u s-soprasessjoni mitluba mill-konvenut ghaliex kif rajna, ma hemm xejn x'izomm lil dawn il-proceduri odjerni milli jkomplu jinstemghu waqt li jkun ghadha pendenti l-kawza li tittratta l-hlas lill-kuntrattur ghax-xoghol minnu mwettaq u d-danni pretizi mill-konvenut minhabba din l-allegata inadempjenza kontrattwali tal-appaltatur.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fir-Risposta tieghu tas-6 ta' Marzu 2020 fejn talab il-waqfien tal-proceduri odjerni pendenti l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Rikors Guramentat Numru 974/2019, u tordna li jissokta s-smigh ta' din il-kawza fil-mertu.**

**L-ispejjez ta' dan l-episodju ghandu jbatihom il-konvenut.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**